# SVB

Transport Malta

# <u>APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZA TEMPORANJA BIEX JINGĦATAW SERVIZZI SPEĊJALI B'*VINTAGE BUSES*</u>

## Direttorat għat-Trasport Stradali

Telephone: (00356) 25560000
Website: www.transport.gov.mt

Jekk jogħġbok meta timla din il-formola uża ittri kbar u linka blu jew sewda.

L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata jew mibgħuta bil-posta lit-Taqsima għall-Liċenzjar ta' Xufiera u Operaturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri, Awtorita' għat-Trasport f' Malta, Hornworks Ditch, Floriana, FRN1230

Jekk jogħġbok żgura li ma' l-applikazzjoni tippreżenta wkoll id-dritt ta €10, permezz ta' ċekk pagabbli lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

# Taqsima X
# Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'*Vintage Buses*

68P (1) L-Awtorita' tista' tagħti lill-operaturi ta' *vintage buses* liċenza temporanja biex joperaw servizz speċjali bil-vintage buses li jkunu jikkonsistu fi vjaġġ wieħed bla ritorn jew fi vjaġġ wieħed lura soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Is-servizz speċjali b'*vintage bus* għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet kollha tal-Parti VII minbarra d-dispożizzjonijiet tar-regolament 68;

(b) L-ebda *vintage bus* m'għandha tintuża biex tagħti servizz speċjali bil-*vintage bus* f'aktar minn ħames okkażjonijiet fi tletin ġurnata konsekuttivi;
Iżda l-Awtorita' tista', taħt ċirkustanzi eċċezzjonali, tagħti l-approvazzjoni għal servizzi speċjali aktar frekwenti bil-*vintage buses;*

(c) L-operaturi għandhom iħallsu d-dritt ta' €10 iżda l-Awtorita' tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, tirrinunzja d -dritt meta tkun sodisfatta li d-dħul mis-servizzi speċjali b'*vintage bus* ikun se jmur għall-benefiċċju ta' xi istituzzjoni, *trust*, dispożizzjoni testamentarja jew fondazzjoni, ta' karattru pubbliku, jew xi organizzazzjoni jew korp ta' persuni bħal dawk, ukoll ta' karattru pubbliku, li jkun jagħmel xogħol filantropiku u li jew jikkwalifika għal eżenzjoni mogħtija mill-Ministeru responsabbli mill-finanzi taħt l-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* jew li jkun imsemmi mill-Ministru bħala li jkun jagħmel xogħol filantropiku għall-finijiet tal-Artiklu 12 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u li ma' jkunx hemm dikjarazzjoni dwaru minn dak il-Ministru bħala li ma jkunx għadu hekk imsemmi; u

(d) Kull kundizzjoni oħra li l-Awtorita' tista' timponi

(2) L-ebda vettura ħlief *vintage bus* li tkun inħarġitilha liċenza skont dawn ir-regolamenti Kap.123 m'għandha tintuża jew tiġi awtorizzata biex tintuża għal servizzi speċjali b'*vintage bus*.

(3) Il-*vintage buses* tista' tinħarġilhom liċenza mill-Awtorita' biex jintużaw biss fuq rotot tat-trasport għat-turisti stabbiliti mill-Awtorita' skont il-Parti X1 jew biex jintużaw għal servizzi speċjali b'*vintage buses* kif awtorizzati skont dan ir-regolament.

## TAQSIMA A: Dettalji dwar l-Applikant

**Isem sħiħ tal-Operatur**

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

**Numru tal-Liċenza ta' Operatur**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | - | | | | | | | - | |

## TAQSIMA B: Kunsill Lokali li għamel talba għal dan is-servizz

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

**Sindku**

**Segretarju Eżekuttiv**

## TAQSIMA : Perjodu li fih ser jingħata s-servizz speċjali

**Minn**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |

**Sa**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |

## TAQSIMA D: Dettalji dwar ir-rotta proposta

Pjanta ta' kif beħsiebha tgħaddi ir-rotta, inkluza bil-ħinijiet u l-ismijiet tat-toroq, nollijiet, postijiet ta' tlugħ u nżul.

## TAQSIMA E: Kundizzjonijiet addizjonali

## TAQSIMA F: Dettalji dwar il-*Vintage Bus*

**Imla hawn taħt id-dettalji tal-vettura/i għall- Ġarr ta' Passiġġieri li bi ħsiebek tuża biex tagħti dan is-servizz**

| **Għamla ta' *Vintage Bus*** | **Mudell tal-vettura** | **Numru tax-*Chassis*** | **Data ta' Reġistrazzjoni tal-vettura** | **Numru tal-Liċenza maħruġa skont ir-Regolamenti** |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

## TAQSIMA G: Dikjarazzjoni

Jiena ________________________________________________________________________________

______________________________ (Isem u Kunjom), detentur tal-Karta tal-Identia' bin-numru __________________

niddikjara li l-*Vintage Bus* elenkata f'Taqsima F ta' din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stipulati fir-regolamenti Dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri u li ser nagħmel użu minn din il-*Vintage Bus* skont il-kundizzjonijiet stipulati f'Parti VII tal-istess Regolamenti

Firma tal-Operatur

Data __ __ / __ __ / __ __ __ __

Pagament li qed jitħallas ma' din l-applikazzjoni € __ __

Għall-Użu tal-Uffiċċju